# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/222

**tal-20 ta' Diċembru 2018**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana (AP) tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-AP**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra ([1]) (il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim") ġie ffirmat fl-24 ta' Frar 1997 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1997.

(2) Il-Partijiet jaqblu li l-Pjan ta' Azzjoni attwali għall-UE u l-Awtorità Palestinjana (Pjan ta' Azzjoni UE-AP) jkompli jirrifletti s-sħubija privileġġata bejn l-UE u l-AP u jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim.

(3) Skont l-Artikolu 63 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim, il-Kumitat Konġunt jista' jieħu deċiżjonijiet u jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa.

(4) Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta r-rakkomandazzjoni dwar l-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-AP bi tliet snin permezz ta' proċedura bil-miktub.

(5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt peress li r-rakkomandazzjoni se jkollha effetti legali.

(6) L-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-AP bi tliet snin se tagħti opportunità sħiħa lill-Partijiet biex fis-snin li ġejjin ikomplu jagħmlu progress fil-kooperazzjoni tagħhom, inkluż permezz tal-possibbiltà li jiġu negozjati prijoritajiet ta' sħubija,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-AP għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 187, 16.7.1997, p. 3.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2018.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. KÖSTINGER

ABBOZZ

**RAKKOMANDAZZJONI Nru …/… TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-PLO**

**ta' …**

**li tapprova l-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-AP**

IL-KUMITAT KONĠUNT UE-PLO,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra ([1]),

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim Ewro-Mediterranju dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim") ġie ffirmat fl-24 ta' Frar 1997 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1997.

(2) Skont l-Artikolu 63 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Interim, il-Kumitat Konġunt jista' jieħu deċiżjonijiet u jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa.

(3) L-Artikolu 10 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt jipprevedi l-possibbiltà li jittieħdu deċiżjonijiet permezz ta' proċedura bil-miktub bejn is-sessjonijiet jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu li jsir dan.

(4) L-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-AP bi tliet snin se tagħti l-opportunità lill-Partijiet biex fis-snin li ġejjin ikomplu jagħmlu progress fil-kooperazzjoni tagħhom, inkluż permezz tal-possibbiltà li jiġu negozjati prijoritajiet ta' sħubija,

ADOTTA R-RAKKOMANDAZZJONI LI ĠEJJA:

*Artikolu 1*

Il-Kumitat Konġunt, permezz ta' proċedura bil-miktub, jirrakkomanda li l-Pjan ta' Azzjoni UE-AP jiġi estiż bi tliet snin mid-data tal-adozzjoni tal-estensjoni.

*Artikolu 2*

Din ir-Rakkomandazzjoni għandha ssir effettiva fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …, […].

*Għall-Kumitat Konġunt UE-PLO*

*Il-President*

([1]) ĠU L 187, 16.7.1997, p. 3.